C/2023/1521

18.12.2023

Rapport Finali tal-Uffiċjal tas-Seduta ([1])

Il-Każ M.10663 — Orange/VOO/Brutélé

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2023/1521)

Fit-22 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż skont l-Artikolu 4 tar-Regolament dwar l-Għaqdiet ([2]) ta' konċentrazzjoni proposta li permezz tagħha Orange S.A. ("Orange" jew il-"Parti Notifikanti"), permezz tas-sussidjarja Belġjana tagħha kkontrollata esklużivament minnha, Orange Belgium S.A., takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' VOO S.A. ("VOO") u l-attivitajiet tat-telekomunikazzjonijiet, tal-media u tat-teknoloġija ([3]) ta' Société Intercommunale pour la Diffusion de la Télévision ("Brutélé") (flimkien ma' Orange u VOO, il-"Partijiet") (it-"Tranżazzjoni Proposta").

Fit-28 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni bdiet proċedimenti skont l-Artikolu 6(1)(c) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet (id-"Deċiżjoni skont l-Artikolu 6(1)(c)"). Il-Parti Notifikanti ppreżentat il-kummenti tagħha bil-miktub dwar id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 6(1)(c), fit-22 ta' Awwissu 2022.

Fit-8 ta' Awwissu 2022, b'talba tal-Parti Notifikanti, il-Kummissjoni estendiet il-perjodu ta' żmien għall-adozzjoni ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 8 tar-Regolament dwar l-Għaqdiet b'għaxart ijiem tax-xogħol, skont l-Artikolu 10(3), it-tieni subparagrafu, l-ewwel sentenza, tal-istess regolament.

Fit-12, fl-14, fit-18 u fl-21 ta' Ottubru 2022, b'talba tal-Parti Notifikanti, il-Kummissjoni estendiet il-perjodu ta' żmien għall-adozzjoni ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 8 tar-Regolament dwar l-Għaqdiet b'jumejn, b'jumejn, b'jumejn u b'erbat ijiem tax-xogħol rispettivament, skont l-Artikolu 10(3), it-tieni subparagrafu, it-tielet sentenza, tal-istess regolament.

Fis-26 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet (id-'Deċiżjoni skont l-Artikolu 11(3)'), li tirrikjedi li l-Parti Notifikanti tipprovdi ċerta informazzjoni b'rabta ma' ftehim ta' aċċess bl-ingrossa possibbli ma' Telenet Group Holding NV (kompetitur terz), ta' rilevanza għall-valutazzjoni tat-Tranżazzjoni Proposta f'ċerti swieq affettwati. Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar l-Għaqdiet ([4]), il-Kummissjoni qieset li huwa xieraq li titlob din l-informazzjoni mingħajr ma tipproċedi l-ewwel permezz ta' talba sempliċi għal informazzjoni. Id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 11(3) issospendiet il-limitu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 10(3) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, skont l-Artikolu 10(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Fit-30 ta' Jannar 2023, il-Parti Notifikanti kkonformat mat-talba għal informazzjoni li tinsab fid-Deċiżjoni skont l-Artikolu 11(3), li temmet is-sospensjoni tal-limitu ta' żmien imsemmi hawn fuq.

Bejn il-11 ta' Ottubru 2022 u t-18 ta' Jannar 2023, jien aċċettajt żewġ impriżi attivi f'jew upstream ta' xi whud mis-swieq affettwati mit-Tranżazzjoni Proposta bħala terzi persuni interessati skont l-Artikolu 18(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

Fit-30 ta' Jannar 2023, il-Parti Notifikanti ppreżentat impenji skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet biex tittratta t-tħassib dwar il-kompetizzjoni identifikat mill-Kummissjoni (l-"Impenji"). Fil-31 ta' Jannar 2023, il-Kummissjoni nediet test tas-suq dwar l-Impenji. Il-Partijiet ġew infurmati dwar ir-riżultati tat-test tas-suq tal-Impenji waqt telefonata li saret fl-10 ta' Frar 2023.

L-abbozz tad-deċiżjoni jiddikjara li t-Tranżazzjoni Proposta hija kompatibbli mas-suq intern u mal-Ftehim dwar iż-ŻEE, soġġett għal konformità sħiħa mal-Impenji.

([1]) Skont l-Artikoli 16 u 17 tad-Deċiżjoni 2011/695/UE tal-President tal-Kummissjoni Ewropea tat-13 ta' Ottubru 2011 dwar il-funzjoni u t-termini ta' referenza tal-uffiċjal tas-seduta f'ċerti proċedimenti dwar il-kompetizzjoni (ĠU L 275, 20.10.2011, p. 29) ("id-Deċiżjoni 2011/695/UE").

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1) ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").

([3]) Kif definit fl-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni.

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 802/2004 li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi (ĠU L 133, 30.4.2004, p. 1) (ir-"Regolament ta' Implimentazzjoni dwar l-Għaqdiet").

B'mod ġenerali, inqis li l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet proċedurali ġie osservat matul dawn il-proċedimenti.

Brussell, id-9 ta' Marzu 2023.

Eric GIPPINI FOURNIER